SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 30**

**IT-TLIETA 6 ta' OTTUBRU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊ SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER (wasal fis-6.20p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal fil-5.30p.m.) |

**SKUŻAT**

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 29 ġew approvati kif emmendati.

2. Il-Kunsillier Fenech ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex il-Perit jipjega dwar il-pjanti preliminari tal-proġett tal-Kunsill fi Triq il-Keffa. Hin: 5.15p.m.

3. Il-Perit spjega fid-dettal il-pjanti li jinkludu l-binja ta' l-uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill, sub-post office, berġa ta' saħħa u għassa tal-Pulizija. Il-proġett jinkludi ukoll parkeġġ ta' 30 karozza taħt l-art. Il-kostruzzjoni ser tkun imdawra bil-ġonna. Il-perit talab lill-Kunsill biex jekk tinħass il-ħtieġa ta' tibdil għandu jagħmel dan mill-aktar fis. Il-Perit spiċċa d-diskors tiegħu fil-5.25p.m.
Is-Seduta reġgħet bdiet fil-5.30p.m.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk waslux xi korrispondenzi mill-MEPA dwar il-ħajt tas-sejjieħ mibni l-barra fit-Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Perit tal-Kunsill reġa għamel kuntatt mall-MEPA. Hu ġie nfurmat li s-sidien qed jipproċedu b'appell.

2. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk waslitx l-approvazzjoni mill-Enemalta dwar id-dawl ġdid ta' wara l-ġnien. Hu talab biex dan id-dawl jiġi nstallat mill-aktar fis qabel il-31 ta' Ottubru Halloween Night. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-istimi tad-dawl il-ġdid ser jaqbżu l-budġet allokat għad-dawl għal din is-Sena. Minħabba l-periklu li jeżisti w l-abbużi li ssiru f' din il-parti tal-ġnien, il-Kunsill ideċieda li dan id-dawl għandu ssir.
Il-Kunsillier Fava ssuġerixxa li għandha tinkiteb reminder lill-Enemalta dwar l-approvazzjoni, jekk ir-risposta tibqa ma tasalx allura l-Kunsill jagħmel ix-xogħlijiet, fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru.

3. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk sarux żvilluppi dwar ix-xogħlijiet ta' culverts. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslietx risposta mid-dipartment dwar meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet.

4. Il-Kunsillier Curmi staqsa waslitx l-istima tax-xogħlijiet ta' fencing fil-ġnien Sant'Andrija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kuntrattur għandu impenji oħra ta' proġett mill-Gvern Ċentrali w għaldaqstant ma kellux ħin jaħdem din il-kwotazzjoni.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk tlestiex ix-xogħol ta' tindif ta' culverts fil-lokalita.'
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ix-xogħol beda fil-11 ta' Settembru 2009 u diġa tlesta. Il-Kunsillier Curmi staqsa meta ser issir il-laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur tad-distrett dwar Halloween Night.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

6. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li diġa għamel kuntatt maż-żewġ uffiċċjali pero' minħabba impenji tagħhom għad ma ġietx iffissata laqgħa. Il-Kunsillier talab biex ikun preżenti għal din il-laqgħa.
   Il-Kunsillier Rossignaud informa biex hu wkoll ikun preżenti għal din il-laqgħa , dan peress li l-biċċa l-kbira ta' l-attivita' issir fil-ġnien ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsillier informa wkoll li ta' sikwit ikollu kuntatti mal-Pulizija, kemm dwar il-ħsarat fil-ġnien kif ukoll dwar xi sewwieqa li jabbużaw mis-sistema tal-one way fi Triq is-Swieqi. Hu staqsa lill-Kunsill biex ikun aktar involut f' din il-kariga speċjalment meta isiru xi laqgħat jew rapporti mall-Pulizija. Il-Kunsill approva din il-kariga (liġi w ordni pubblika). Is-Sindku proponiet. Il-Kunsillier Fenech issekonda.

7. Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żewġ mirja fi Triq il-Madliena reġgħu ġew ivvandalizzati.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn diġa inbidlu tlett darbiet mill-bidu ta' din is-Sena. Il-Viċi Sindku ppropona li ma għandux isir replacement għalissa, sakemm xi ħaddiema li qed jaħdmu ġo Villa fil-viċinanza ilestu u jitilqgħu. Minħabba l-periklu li jeżisti l-Kunsill iddeċieda li dawn għandhom jindiblu.

8. Il-Kunsillier Curmi staqsa biex jingħata ritratt tal-Buddy Bear. Dan biex jiġi inkluż fir-write-up fil-ħarġa tal-magazin li jmiss.

9. Il-Kunsillier Curmi staqsa biex jinbidlu l-iskips fi Triq il-Ġiżimin u rrekomanda li dawn isiru l-istess kulur.

10. Il-Kunsillier Fenech irrimarka li mhux tajjeb li kull minn ikun irid jitkellem mall-Kunsill waqt il-laqgħa, għandu jingħata permess u għaldaqstant tiġi sospiża l-laqgħa. Dan għandu jistenna skont il-proċeduri. Il-Kunsill qabel.

11. Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk waslits xi risposta mill-ADT dwar il-one way fi Triq is-Sirk. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li dwar din il-materja kellu kuntatti mas-Sur Charlie Muscat uffiċċjal mill-ADT pero' dan għad ma infurmax lill-Kunsill dwar il-laqgħa li għandha ssir fuq il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li ser jibgħat reminder.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

12. Il-Kunsilier Fenech reġa rraporta storbju fis-siegħat bikrin ta' filgħodu minn student barranin l-aktar Spanjoli. Hu talab biex din il-problema terġa tiġi diskussa mas-Supretendent u l-Ispettur fil-laqgħa li jmiss ta' kull xahar. Il-Kunsillier reġa insista għar-ronda, l-aktar spissa l-aktar fil-weekends.

13. Il-Kunsillier rraporta li xi resident minn appartamenti fil-viċinanza tiegħu qed joħorġu l-iskart domestiku tagħhom wara li ssir il-ġabra. Hu talab biex isir kuntatt mall-wardens. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa bagħat ittra lil dawn ir-residenti pero' jidher li dawn ma irregulawx irwiehom.

14. Il-Kunsillier rraporta wkoll dwar citazzjonijiet mingħajr raġuni li qed jingħataw lir-residenti. Hu rrikomanda li fil-laqgħat li jsiru tal-kumitat konġunt għandha tinġibet l-attenzjoni biex il-wardens ikunu aktar prudenti w prattiċi.

15. Il-Kunsillier irrimarka dwar xogħlijiet ħżiena ta' reinstatement mill-Water Services Corporation fi Triq is-Sirk. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika ma' l-uffiċjali ta' dan il-kumpanija u jistaqsi biex l-imsemmija xogħlijiet jerġaw isiru.

16. Il-Kunsillier informa li saret il-bankina fi Triq is-Swieqi eżatt quddiem Triq il-Marbat. Il-Kunsillier irrimarka li għalkemm din issa tlestiet ma kelliex idum daqshekk. Il-Kuntrattur kellu jagħmel ix-xogħlijiet aktar malajr.

17. Il-Kunsillier Fenech irraporta bankini imkissra fi Triq is-Sirk.
    Is-Sindku talbet saibex dawn il-ħsarat jiġu nklużi fil-programm ta' tiswijiet ta' bankini.

18. Il-Kunsillier Shephard irrimarka dwar il-kummenti tal-Kunsillier Fenech li sostna li l-wardens qed jagħtu citazzjonijiet bla bżonn anki li ingħataw citazzjonijiet lilu meta kien ipparkjat tajjeb. Il-Kunsillier Shephard staqsa li jiġu ppreżentati iċ-ċitazzjonijiet inkwestjoni. Il-Kunsillier Fenech informa li hu diġa kiteb lill-Kummissarju tal-Gustizzja u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn jippreżenta ritratti jew evidenza waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier sostna wkoll li m'għandux ħin x' jaqli.

    *Il-Kunsillier Shephard talab biex jiġi skużat. Ħin fis-7.05p.m.*

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

19. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar l-espropjazzjoni ta' l-art fin-naħa ta' isfel ta' Triq is-Swieqi. Is-Sindku wieġbet li din ġiet diskussa waqt il-laqgħa li saret ma' Dr. Chris Said, din kienet diskussa wkoll diversi drabi ma l-ADT pero' sa issa għad ma waslitx risposta.

20. Il-Kunsillier nforma dwar abbużi li qed isiru fis-sistema tal-one way in-naħa ta' fuq tas-Swieqi l-aktar fil-weekends. Hu talab biex tinkiteb ittra lill-Pulizija.

21. Il-Kunsillier talab rapport ta' spejjes li intefqu fl-attivita' Jum is-Swieqi u skolasajf. Income & expenditure a/c.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatt ma xi gabillotti li għandhom ir-raba' fil-limiti ta' Wied Għomor. Dwn qed jitolbu xi konkos biex jillevaw l-entratura minħabba li qed izzomm kwantita ta' ilma u għaldaqstant ikun diffiċli biex dawn jaċċessaw ir-raba' tagħhom. Il-Viċi Sindku nforma li hu mar fuq il-post mas-Sur Simon Cioffi mid-dipartiment ta' l-infrastruttura. Il-Viċi Sindku nforma li dan il-konkos ser iqum madwar €2495. Is-Sur Cioffi nforma wkoll li mhux permess li jintuża materjal ta' konkos fil-widien. Għaldaqstant sar suġġeriment li tintuża torba.

2. Is-Sindku ppreżentat kopja tar-rapport finanzjarji mill-Kumitat Konġunt. Dan ir-rapport jindika pagament ta' €15,748 li huwa sehem il-Kunsill minn citazzjonijijiet li ingħataw mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009. Rapport anness mal-minuti.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli...........)

3. Is-Sindku nfurmat li waqt il-laqgħa li kellu l-Kunsill ma' Dr. Chris Said ġew diskussi diversi materji fosthom l-istat tat-toroq fil-Madliena. Dwar dan is-suġġett Dr. Said informa li l-Gvern Ċentrali ser jintroduċi skema apposta għal dawn it-toroq. Il-Gvern Ċentrali ser jivvota madwar €1,000,000. Dr. Said talab lill-Kunsill biex jippreżenta lista ta' ismijiet ta' toroq bi priorita' kif ukoll il-kejl ta' kull Triq. Dr. Said talab biex dan ir-rapport jiġi mgħoddi lilu mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jingħata dan l-inkarigu w lesti ix-xogħlijiet mill-aktar fis. Il-Kunsillier Fava nforma li l-Onorevoli Chris Said diġa huwa infurmat bl-istat ta' dawn it-toroq. Fakkar ukoll li fil-laqgħa li kienet saret fis-sala ta' Torre Paulina għar-residenti tal-Madliena, hu kien semma' xi ismijiet ta' uħud mit-toroq kif ukoll xi stimi relatati magħhom.

4. Dr. Said informa wkoll li hu ppreżenta l-pjanti preliminari tal-proġett ta' Triq il-Keffa għall-approvazzjoni tal-Prim Ministru. Dawn ġew approvati. Dr. Said informa sabiex il-Kunsill jibda jaħdem fuq pjanti aktar dettaljati. Il-Kunsilll staqsa sabiex il-Perit tal-Kunsill jibda jaħdem fuq il-pjanti mill-aktar fis. Is-Sindku pproponiet li immedjatament għandu jiġi inkarigat il-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Il-Viċi Sindku ssekonda.

5. Il-Kunsillier Fava staqsa għall-minuti tal-laqgħa li saret ma Dr. Said. Is-Sindku nfurmat li dawn jiġu ppreżentati fis-seduta li jmiss.

6. Is-Sindku nfurmat li kellha rikwest mir-residenti biex jiġu nstallati Ubars madwar il-bandli fi ġnien ta' Triq il-Ħemel. Dawn isiru biex jipproteġu lit-tfal żgħar minn dawk li jkunu qed jinbandlu. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu ordnati u nstallati.

7. Is-Sindku nfurmat li kellha rapporti minn diversi residenti dwar ħsarat fit-Tennis Court minn xi żgħażagħ. Dawn iż-żgħażagħ kisru l-bibien, qattgħu x-xibka tat-Tennis u għamlu ħsarat fil-propjeta'. Instabu flixken tal-birra, soft drinks u flixken tal-vodka. Il-ġirien sejħu lill-Pulizija. Dawn ġew fuq il-post. Malli telqu iż-żgħażagħ komplew bil-ħsarat. Ġie rrapurtat ukoll li iż-żgħażagħ qed iħallu il-floodlights tat-Tennis Court mixgħul il-lejl kollu.
   Il-Kunsill kien talab kwotazzjonijiet ta' żewġ bibien tal-ħadid. Is-Sindku ppreżentat din il-kwotazzjoni ta' €1050. Il-Kunsill aċċetta u talab sabiex dawn jiġu ordnati u jitwaħħlu mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli............)**

8. Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata mis-Sur Gordon Axiaq. Din il-persuna offriet li tiehu f' ideja t-Tennis Court u l-kmamar konġunti. Dan lest li jorganiżża w anki jkun responsabbli mill-manutenzzjono, pero' l-logħob issir bi ħlas. Il-Kunsillier Fava ma qabilx mal-proposta minħabba li mhux sewwa li t-tfal tal-lokal ser ikollhom iħallsu għall-logħob. Dan minħabba li l-art hija pubblika u għad ma saritx id-devoluzzjoni. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

9. Is-Sindku ppreżentat rapport finanzjarju tal-Kunsill li jkopri minn April sa Settembru 2009. Dan ir-rapport jindika bilanc possittiv.

10. Is-Sindku nfurmat b' Memo numru 53/2009. Din tesiġi li l-Kunsilli ser jibdew jiftħu nhar ta' Sibt bejn it-8.00 u l-11.30 ta' filgħodu.

11. Is-Sindku nfurmat li ser tiġi assenjata persuna mill-ETC mall-Kunsill. (skema fil-komunita'.) Din il-persuna ser tiżdied maż-żewġ ħaddiema li diġa huma assenjati ma' dan il-Kunsill mill-IPSL. Din il-persuna jismu s-Sur Simon Zarb.

12. Il-Kunsill ġie nfurmat li traffic calmers li kien applika l-Kunsill għalihom ma' l-ADT ma ġewx approvati. Dawn huma:
    a) Triq is-Sidra
    b) Triq il-Wasliet
    c) Triq is-Sirk
    d) Triq is-Swieqi
    e) Triq il-Miġbed u
    f) Triq F. Assenza

13. Is-Sindku nfurmat b'tibdil li sar mill-kuntrattur ta' ġir ta' skart domestiku. Il-Kuntrattur baqa s-Sur Paul Vella pero' l-Kumpanija inbidlet minn Northern Cleaning Services Ltd għal Northern Cleaning Group. L-ispejjes tal-kuntratt baqgħu l-istess pero' jekk il-Gvern Ċentrali iżid il-waste dumping fees, il-Kunsill irid jaċċetta li jikkumpensa iż-żieda fuq it-Tunellaġġ miġbur mill-lokalita'. Il-Kunsill aċċetta l-kundizzjonijiet sakemm tiġi ppublikata l-offerta l-ġdida.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli...........)

14. Is-Sindku ppreżentat statement ta' fondi mill-UIF u EIPP. Dan jaqra kif ġej:
EIPP € 98607
UIF €149,056.
Dwar l-istess fondi, is-Sindku ppreżentat korrispondenza mill-MEPA mis-Sinjorina Marisa Darmanin. Din infurmat li dawn il-fondi ma jistgħux jintużaw għall-proġett ta' Triq il-Keffa pero' is-Sindku nfurmat ukoll li hi kitbet lil Dr. Chirs Said sabiex jintervjeni. Sa issa għad ma waslitx risposta..
Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-Kunsill għandu jikteb lill-MEPA u jinfurmah b'proġetti oħra li jkunu applikabbli taħt din l-iskema. Il-Kunsill ma qabilx li tinkiteb din il-korrispondenza pero' jaqbel li nistennew ir-risposta mingħand Dr. Said.

15. Is-Sindku nfurmat li qed ikollha ilmenti minn diversi residenti minn Triq is-Swieqi. Dawn qed jilmentaw li ta' sikwit jaqgħu xi nies waqt li jkunu jimxu fuq il-bankini. Is-Sindku nfurmat ukoll li mill-ewwel għamlet laqgħa mas-Sur Simon Cioffi. Dan għamel investigazzjoni fuq il-post. Irriżulta li l-bicca l-kbira tal-madum fil-bankini tant intuża li dan illixxa u ġie jiżloq. Is-Sur Cioffi rrikomanda li dan għandu jinbidel qallinqas dak ta' quddiem il-ħwienet. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tikteb lis-Sur Oliver Lautier pero' dan għad ma bagħtitx risposta. Is-Sindku ssuġġeriet li għalissa jinbidel biss dak ta' quddiem il-ħwienet. Il-Kunsill qabel li il-madum għandu jinbidel kollu u mhux biss quddiem il-ħwienet. Peress li dawn ix-xogħlijiet kienu saru mill-Gvern Ċentrali allura dawn għandhom jikkompensaw għal dawn ix-xogħlijiet.

16. Is-Sindku nfurmat li l-Ministeru taż-żgħażagħ għal darb'oħra ser jerġa jintroduċi l-attivita' Kunsill taż-Żgħażagħ. Hi nfurmat ukoll li kellha laqgħa mal-persuna mill-Ministru li qed torganizza din l-attivita'. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li Dr. Justin Fenech offra li jieħu ħsieb din l-attivita'. Is-Sindku staqsiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex din l-attivita' tiġi wkoll introdotta fil-Kunsill tagħna. Il-Kunsill approva.

17. Is-Sindku nfurmat ukoll li kellha laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kumpanija Green MT. Dawn jispeċjalizżaw fil-ġbir ta' skart – isseparat. Dawn lesti biex jiġbru l-iskart issepparat kull nhar ta' Tlieta bla ħlas mill-Kunsill . Se jagħtu kumpens żgħir għall kull tunellata skart isseparat li tinġabar. Is-Sindku nfurmat li din il-kumpanija tidher organizzata ħafna u rrakomandat li għandu jiġi ffirmat il-kuntratt għall-erbgħa Snin li jiġi revedut kull Sena. Is-Sindku pproponiet u l-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier Fava informa b'periklu kbir li jeżisti fi Triq Markiż J. Scicluna fil-Madliena. Triq Markiz J. Scicluna fiha parti dejqa u ma tippermettix trukkijiet li jgħaddu minnha. F'din it-Triq ma hemmx bankini b'konsegwenza li dawk li joħorġu mir-residenza tagħhom jista' jkollhom aċċidenti ma xi vettura li tkun għaddejja minn din it-Triq.
Il-Kunsillier irrikomanda li għandha ssir bankina tul tat-Triq quddiem iż-żewġ villel, jiġu nstallati traffic calmers biex minn juża' din it-Triq, ma jkunx jista' issuq b' velocita' u jsiru t-tabelli "No heavy vehicles". Il-Kunsillier issuġerixxa wkoll li din il biċċa Triq ssir One Way.
Il-Kunsill qabel ma dawn is-suġġerimenti w staqsew biex issir talba għall-approvazzjoni mill-ADT. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet.

**Viċi Sindku Joseph Bonello**

2. Il-Viċi Sindku rraporta xogħlijiet li saru fuq bankini fit-Triq il-Qawsalla , G. Bessiera, Qasam, Ħemel, Ratal u Wiżna. Aktar xogħlijiet ser isiru fi Triq M. Pianta, Ħawt, Għajn, Ilqugħ. Ser issir ukoll rampa għall Wheel Chairs fi Triq l-Ibraġ fil-viċinanza tal-Ħalland Hotel.

3. Ser jitkomplew il-marki tat-traffiku fi Triq il-Qasam u Triq is-Swieqi. Il-Viċi Sindku nforma li dalwaqt ser ikollu laqgħa mal-ħaddiema mill-Ministeru ta' l-Infrastrutura dwar il-culverts ta' Triq Sant'Andrija.

**Kunsillier Alfred Curmi**

4. Il-Kunsillier staqsa dwar id-dawl ta' tiżjin għall-Milied. Il-Kunsill qabel li jinxtegħlu l-istess toroq tas-Sena li għaddiet. Il-Kunsill talab biex jinġabru tlett kwotazzjonijiet.

5. Il-Kunsillier ippreżentat format ta' dokumenti ta' VAT refund, tal-funerali u żwiġijiet sabiex jittieħdu photcopies u jitpoġġew fil-garżelli għal użu tal-Pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-dokumenti ta' din ix-xorta diġa qegħdin fil-garżelli għal użu tar-residenti.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)

**<u>Kunsillier Alfred Curmi (jkompli............)</u>**

6. Il-Kunsillier talab lil dawk kollha preżenti biex jippreżentaw ir- write-up tal-magazin. Hu nforma li din is-Sena ser jitqassam fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru għaldaqstant ix-xogħlijiet ta' kull Kunsillier iridu jaslu mill-aktar fis.

7. Il-Kunsillier informa li din id-darba ukoll id-data tal-laqgħa tal-Kunsill ma dehritx fuq il-ġurnal The Times. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-gazzetta kienet ġiet infurmata kemm bid-data u kemm bil-ħin.

8. Il-Kunsillier Curmi staqsa dwar is-sistema tar-reserved parking, hu staqsa jekk dawn jigux reveduti kull Sena. Is-Segretarju ħa l-inkarigu li jibbenifika

*Il-Kunsilier Fava talab biex jiġi skużat. Ħin 8.30p.m.*

**<u>Kunsillier Paul Fenech</u>**

9. Il-Kunsillier staqsa għall-minuti tal-laqgħa li saret fil-Kunsill bejn il-GRTU u l-ADT, Authorised Officer tal-Wardens, is-sidien tal-ħwienet u r-rappreżentanza mill-Kunsill.
Peress li minuti kienu għandhom ma tlestewx, il-Kunsillier Fenech staqsa lis-Sindku biex tispjega x'intqal u x' rikkomandazzjonijiet saru f' din il-laqgħa. Is-Sindku nfurmat li fil-laqgħa ġew diskussi il-problemi ta' abbużi fl-ipparkjar fil-Pjazza Uqija. Ġew diskussi wkoll l-abbużi tal-*One Way* fl-istess pjazza. Ġie rrikomandat xi tibdil fil-ħinijiet ta' parkeġġ, il-45 *minutes* parking issir 60 filwaqt li *no return* issir 60 *minutes* minflok 30. Din tapplika mit-Tnejn sal-Hadd. Dawn ir-ristrezzjonijiet ma japplikawx għar-resident. F' din il-laqgħa, il-Kunsillier Fenech ippreżenta ritratti ta' refrigirated truck b'tagħmir tad-dawl imqabbad ma' l-istabbiliment tan-negozju ipparkjat kuljum bil-lejl u bi nhar fuq *loading and unloading bay*. Dan mhux qed jagħti lok lis-sidien tal-ħwienet tal-viċinanza jużaw din il-faċilita'. Il-propjetarju tal-Greens Supermarket ġie imwissi sabiex dawn l-abbużi ma jibqgħux isiru. Sid dan it-trakk wiegħed li din il-vettura ser titneħħa.
Dawn ir-rikkomandazzjonijiet ser isiru bi prova ta' 4 xhur. Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li għandha ssir laqgħa wara 4 gimgħat sabiex jiġi diskuss l-impatt mill-implimentazzjoni tar-regolamenti l-ġodda. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fil-5 ta' Novembru 2009.
Il-Kunsill qabel mar-rikomandazzjonijiet u għaldaqstant talab sabiex ssir talba għall-approvazzjoni ta' l-ADT.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA(jkompli................................)

**Kunsillier Rene Rossinguad**

10. Il-Kunsillier irraporta
    1. Trailer ta' dgħajsa kbir ipparkjat perikoluż fi Triq tal-Francis.
    2. Abbużi mill-bejjiegħ tal-ħaxix li ibiegħ minn ħdejn il-Forum Hotel. Dan anki għamel ġebel fit-Triq biex jagħlaq l-aċċess. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jitkellem ma din il-persuna.
    3. Tibdil fil-marki/sinjali fi Triq is-Swieqi wara l-ġnien.
    4. Ħsarat fil-bankina ta' quddiem il-Link School of English. Il-Kunsillier talab biex issir aktar pressjoni ma' l-ADT sabiex tiġi esproprijata l-biċċa art u il-ħajt tas-sejjieh li tagħti aċċess għal Wied.

11. Il-Kunsillier irrimarka li fi Triq is-Sidra saru 18 il-qata' fit-Triq. Dawn saru mill-Water Services Corporation u ma sarux kif titlob is-Sena. Hu talab li dawn jerġgħu isiru.

12. Il-Kunsillier issuġġerixxa li jsiru tabelli fil-ġonna li jaqraw – The Comsumption of Alchol is not permitted in Public Gardens. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati. Fuq l-istess tabelli tinkiteb ukoll "No littering".

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġew iffinaliżżati d-dokumenti dwar l-offerta ta' iskema Energy Saving u għaldaqstant l-offrta tista tiġi ppublikata. Il-Kunsill approva li din l-offerta tiġi ppublikata.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed issir preparamenti ta' dokumenti ta' offerti. (Dawk l-offerti li jridu jiġu ppublikati wkoll fl-Ewropa.). Malli dawn ikunu ffinalizzati jkunu jistgħu ppublikati iż-żewġ offerti ta' ġbir ta' skart domestiku u knis u qtugħ ta' ħaxix. Il-Kunsill approva li jiġu ppublikati dawn iż-żewġ offerti mill-aktar fis.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li mix-shortlisting ta' 4 persuni li saru sabiex jiġu intervistati biex tintagħżel persuna biex taħdem mall-Kunsill, irriżulta li tlieta ma kienux interessati peress li sabu impieg, l-oħra ġiet għall-interview pero' irrifjutat li terġa tattendi għat-tieni wieħed. Għaldaqstant reggħu saru kuntatti ma l-ETC biex terġa tintbagħat lista ta' applikanti ġodda.
   Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba li qed tkun diffiċli li tinstab il-persuna addatta fi skala 15, Il-Kunsill għandu jikkonsidra li jiġu ntervistati wkoll għal Skala 13. Wara l-Kunsill iddiskuta d-differenza fis-salarji li hija ta' madwar €1675.00. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI.

1. Is-Segretarju qara l-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda ta' pagamenti. Dawn kollha ġew approvati.

Billi l-Kunsillieri ma kellhomx aktar x' jiddiskutu, s-Sindku għalqet is-seduta fl-22.30p.m.

**Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2009 fil-5.00p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**